4.16 Is-Sindku semma wkoll il-lampi, li ftit minnhom tirringahom l-Enemalta u oħrajn il-kuntrattur tal-Kunsill. Is-Sindku stqarr li baqa' jaħdem fuq li sab minn tas-Sindki ta' qablu. Semma wkoll li l-Kunsill għandu skrivan ħawtiel u li qiegħed joħroġ fit-toroq u jieħu nota ta' kull bozza li hemm f'Santa Venera u jfassal pjanta tal-lampi fil-lokal.. Is-Sur Lino Busuttil jiġi kmieni filgħodu u jara fejn huma l-bozoz li ma jidhrux fuq is-sistema. Is-Sur Anastasi semma s-sistema tal-ġbir tal-iskart fejn wara lill-Kunsill bgħat fuq li bgħatt avviżi dwar kif jinġabar għad hemm ftit nies li qed jabbużaw u joħorġu l-iskart wara li jgħaddi l-iscammel jonkella joħorġuh meta suppost joħorġu dak riċiklabbli.
Is-Sindku wiegħed li se juża l-Gwardjani l-Ħodor u, m'għandu l-ebda triq oħra ħlief dik li min jabbuża jiġi rrappurtat.

4.17 Is-Sur Muscat staqsa jekk kienetx giet il-Perit Testaferrata de Noto fuq il-post f'Santa Venera dwar it-*timed parking*.

4.17.1 Is-Sindku wiegeb li l-Perit bagħtet lill-Konsulent is-Sur Josie Brincat u lis-Sur Charles Muscat aktar minn darba. Żied jgħid li l-Kunsill kiteb lis-Sur Sutton u dan l-aħħar lil Dott. Stanley Portelli. Minn hawn ser jinforma lill-Ministru. Issemmew il-*pelican lights* ta' hdejn il-*Park Towers* fi Triq il-Ferrovija. Is-Sindku qal li saru f'postijiet oħra imma mhux f'Santa Venera. L-aħħar informazzjoni kienet li qegħda għad-deċiżjoni taċ-Ċermen.

4.17.2 Is-Sur Muscat qal li huwa ilu joqgħod f'Santa Venera 30 sena. Issa, qal li tal-MITA ġabu 80 skrivan u li huwa minħabba dawn li ma jsibx fejn jipparkja.

4.17.3 Is-Sur Scerri qal li jekk isiru dawn it-tabelli, l-impjegati jitħajru jiġu b'tal-linja. Hemm impjegati ta' diversi entitajiet bħal HSBC u BOV, eċċetra.

4.17.4 Is-Sindku rrimarka li mar xi tliet darbiet jispezzjona fejn qegħdin il-ħaddiema tal-MITA u sab koperazzjoni sħiħa mis-Sur Wayne u qatt ma sab iżjed minn 50 persuna. Is-Sur Anastasi stqarr li xi ħaddiema oħra jiġu permess ta' vannijiet minn Gattard House, fil-Blata 'l Bajda.

4.17.5 Is-Sinj G. Mallia issuġġeriet li Triq San Gorg issir One Way.

4.17.6 Is-Sindku rrisponda li kemm huwa, kif ukoll l-Aġent Segretarju Eżekuttiv u uffiċjal tat-TM marru fuq il-post biex jispjegaw kif ser jgħaddi t-traffiku. Fuq Triq San Gorg il-Kunsill kien ilu li talab li ssir *One Way* mis-sena 'l oħra. Il-Kunsill talab biex Triq Salvinu Spiteri ssir *one way* ukoll, u l-Perit Denoto rrimarkathielna dwar it-trakkijiet li jridu jinstaqu minn hemm minħabba l-imħażen li hemm.

4.16.7 Is-Sindku qed jinsisti li Triq Salvinu Spiteri tiġi *One-Way*. Huwa qal li kien hemm min tellghu l-Qorti b'mandat ta' inibizzjoni imma huwa qiegħed jagħmel minn kollox biex ma jkunx hemm *containers* fl-imsemmija triq. Is-Sindku jixtieq jipproponi lill-Kunsill biex minn Triq San Ġorġ ma jgħaddux *heavy vehicles*.

4.16.8 Is Sur Scerri staqsa jistax l-Kunsill jindaga fuq dawk l-imħażen.

4.16.9 Is-Sur Anastasi wieġeb li dawn l-imħażen ilhom fi Triq Salvinu Spiteri, minn 1994/1995. Is-Sindku żied jgħid li fl-aħħar sena u nofs deher biċ-ċar li xi mħażen minnhom kienu qed jintużaw bħala garaxxijiet u xi garraxxijiet kienu qed jintużaw bħala mħażen. Is-Sindku ndaga personalment u saħansitra rrapporta dwar dan l-abbuż u waqqaf milli jidħlu containers f'dina t-triq. Inbidlu wkoll, xi sinjali tal-ipparkjar minn sofor għal bojod.

4.16.10 Is-Sur Scerri ried ikun jaf iżjed x'inhu isir fuq il-*containers*.

4.16.11 Is-Sindku wieġeb li l-ebda Sindku/Kunsillier qatt ma ghamel dak li kien qed jaghmel huwa stess. Is-Sur Anastasi kompla li kemm-il darba jmur personalment jiġbed ir-ritratti u jittella' l-Qorti jew f'xi Tribunal biex jixhed. Stqarr ukoll, li rrapporta xi containers fi Triq Patri Franġisk Grech u meta tela' jixhed nfurmawh li saret petizzjoni u ħafrulu. Is-Sindku ser jikteb fuq dan il-każ għax din ma kenitx l-ewwel darba li containers għalqu dina t-triq, Triq Il-Brunżar u Triq Ħal Qormi. Is-Sur Anastasi kompla jirrimarka li

huwa mhux kontra x-xogħol iżda, kontra il-"might is right" u, li huwa se jibqa' jikkumbatti sal-aħħar. Fil-laqgħa lis-Sur Horace J Anastasi u l-Aġent Segretarju Louise Gusman kellhom mal-Kummissarju tal-Pulizija, żewġ Assistenti Kummissarji u s-Supretendent tal-Ħamrun, is-Sur John Rizzo rrimarka li ħadt mis-Sindki f'Malta u Għawdex ma jirrapporta lill-Pulizija u lill-Kummssrju personalment daqs is-Sindku ta' Santa Venera. Is-Sur Anastasi kien wieġeb li l-Kunsilli Lokali saru qishom Għases tal-Pulizija u, aktar. Minbarra hekk ħassu onorat b'dawk ir-rimarki għax juru kemm qed jagħti każ il-lokal u r-residenti ta' Santa Venera.

4.17 Is-Sindku qal li kull Għaqda, Klabb, politiku u mhux, tal-volontarjat u mhux, jekk iħaddnu bar fil-fond indikat, għandhom jaraw li kull minn jieħu ħsieb il-bar, tkun persuna tal-affari tagħha u, jaraw li ma jsirux abbużi, ma jkunx hemm dagħa u offiżi oħra. Huwa ħa ħsieb li anke kiteb lill-Kummissarju fuq xi abbużi li sar jaf bihom. Hu saħaq li kien lest li jibqa' jidher għal ħaddieħor u ismu ma jisvelaħx.

4.18 Is-Sindku semma wkoll il-monument tal-guvni u tfajla bil-plattin, l-irjus u d-dirgħajn li tkissru. Kien Mejju 2009 u kienu ghaddejjin bil-laqgha tal-Kunsill, meta xi nies li kienu qed jirreċitaw ir-Rużarju fi Ġnien Romeo Romano daħlu jwersqu fil-Kunsill li kien xi ġuvintur qed ikissru l-monument. Il-Kunsillieri, nkluż is-Sindku preżenti ħarġu jiġru u marru fil-Ġonna fejn sabu xi ġuvintur. Hemm setgħu jaraw l-imsemmija statwa mkissra. Fil-pront wasslu l-Pulizija. Is-Sindku tkellem ma wieħed minnhom u ammetta li sieħbu u hu kienu qed jixxuttjaw lejn l-istatwa u bdew jiddendlu mal-plattin u nkissru. Dawn kienu ttieħdu l-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun. Meta s-Sur Horace J. Anastasi ttella' l-Qorti biex jixhed quddiem il-Maġistrat Dott. J. Apap Bologna LL.D. L-Ispettur Ramon Mercieca li kien Spettur tal-Ħamrun u, issa qiegħed ALE, kien indika lis-Sindku biex joħroġ il-barra mill-Awla biex jixhed hu. Il-Maġistrat Joe Apap Bologna nforma lis-Sur Anastasi li ma kienx se jixhed għax l-imputat ammetta.

4.19 Is-Sindku spjega kif din l-istatwa kienet patrimonju nazzjonali u li l-pulizija kellha tinforma l-maġistrat u ssir inkjesta u li minnha setgħet toħroġ l-istima. Is-Sindku induna li l-Ispettur Mercieca lanqas biss ma kien mar fuq il-post peress li huwa ħareġ l-akkuża fuq it-tkissir ta' plattin biss; lanqas kien jaf li kissru l-irjus u d-dirgħajn. Is-Sindku kompla li kif wasal il-Kunsill kiteb lill-Kummissarju biex issir nota t'appell iżda, ma setgħetx issir minħabba kif għamel l-akkuża l-Ispettur.

4.20 Waqt dan ir-rakkont is-Sur Charles Scerri informa lil dawk preżenti li hu kien talab li l-ewwel issir statwa imbagħad issir oħra sena wara. Din kienet biċċa xogħol antika ta' qabel il-gwerra u l-istatwa kellha iżjed minn 100 sena.

4.21 Is-Sindku żied jgħid li dawk l-istatwi kienu nħarrġu fl-1985 fi żmien l-Onoroveli Joe Debono Grech.

4.22 Is-Sindku spjega dwar l-amministrazzjoni tal-Kunsill. Hu kompla jgħid kemm sab tfixkil. Is-Sur Anastasi spjega kif kemm ilu Sindku skrivana, telqet mill-ewwel għax sabet post aħjar u l-oħra kellha titlaq. Spjega kif persuna minn Triq Ħal Qormi ġiet issaqsih fuq *sleeping policeman* u s-Sindku qallu biex imur ghand l-iskrivana biex tinfurmah x'kien hemm fil-minuti. L-iskrivana qaltlu li ma sabet xejn fuq dan il-każ. L-għada mar il-Kunsillier Stephen Sultana ħa *photocopy* u tagħha lil dina l-persuna. Wara, dina l-persuna marret il-Kunsill u tat il-kopja lis-Sindku u l-iskrivana nbelgħet. Is-Sindku stqarr li kien deher li huwa ma ridtx jaqdi lil dina l-persuna u ċanfar lill-Iskrivana. Huwa kien saqsa lill-iskrivana jekk tafx min ħa *photocopy* u hija wieġbet li ma tafx. Lis-Sindku rriżultalu li l-Kunsillier Stephen Sultana kien ta' spiss iċempillha filghaxija fuq affarijiet relatati mal-Kunsill.

4.23 Is-Sindku kompla li hu diġa stqarr dan kollu quddiem il-Kunsillieri kollha inkluż is-Sur Stephen Sultana u dan il-fatt huwa mniżżel fil-minuti li jinsabu fuq is-sitt elettroniku tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera.

4.24 Is-Sur Scerri reġa' talab spjegazzjoni fuq il-5 toroq li ser isiru u fuq Misraħ Santa Venera.

4.24.1 Is-Sindku wieġeb li bejn dak in-nhar tal-Laqgħa u nhar it-Tnejn li ġejjin, il-Kunsill kellu jibgħat lill-MEPA u fakkar lis-Sur Scerri li kellu jippreżenta skizz tal-istatwa li ser titpoġġa fil-Misraħ. Is-Sindku

żied jgħid li huwa talab għall-permess tal-MEPA, għall-applikazzjoni tal-UIF li huma madwar ~~minja~~ mija u sebgħa u tletin elf ewro (€137,000). Intqal li waqt laqgħa tal-Kunsill, l-Kunsillier Sultana staqsieh jekk kienx se jmiss il-fondi tal-Kunsill, u hu wieġeb li dak li mhuwiex mifthiem se jintalab mill-UIF. Is-Sindku informa lis-Sur Scerri li hemm bżonn li l-istatwa tkun lesta qabel l-14 ta' Novembru, 2012, għal jum il-Lokal ta' Santa Venera.

4.24.2 Is-Sur Scerri qal li l-istatwa ser tkun lesta f'Jannar 2013 u mhux qabel.

4.24.3 Is-Sindku qal li huwa se jagħmel minn kollox biex tkun lesta meta jitlesta Misrah Santa Venera. Is-Sur Anastasi saħaq dwar l-importanza li l-istatwa tkun lesta għall-Jum il-Lokal.

4.25 Hawnhekk is-Sindku staqsa lill-Pubbliku jekk kienx hemm xi affarijiet oħra li l-Udjenza xtaqietx li jkunu ċċarati.

4.26 Is-Sur Scerri rringrazzja lil kull min kien involut biex Triq Braille titlesta kif kien imwiegħed, ġimgħa qabel il-Festa, faħħar għar-riżultat tat-triq u, rringrazzja wkoll, għall-għotjien tal-azzar għall-arbli tal-festa.

4.27 Is-Sindku qal li din id-darba l-Kunsill ħaseb f'dawn il-għotjien u swewlu xi €33-il wieħed. Żied jgħid li l-Kunsill ma jistax jagħti donazzjonijiet u li jridu jimxu mal-liġi. Huwa qal li xtaq jagħti xi ħaġa lill-anzjani u l-Kunsillier Sultana kien qallu li għandu jagħtihom mill-Onorarja tiegħu. Is-Sindku fil-fatt tagħhom rigal personali għal erba' darbiet, li ta Klarinett ġdid fjamant lis-Soċjeta' Filarmonika (tal-Banda). Is-Sur Anastasi kompla li din is-sena lil tal-Banda, tal-Festi Esterni u lill-Għaqda tan-Nar tagħhom xi ħaġa kull wieħed. Huwa qal lill-pubbliku preżenti li l-Onorarja tiegħu hija madwar ftit aktar minn ħames mitt ewro (€500) fix-xahar.

4.28 Is-Sindku semma li kien hemm riċeviment tal-Kapillan ~~li~~ meta kien spiċċa Patri Alex Scerri u tah rigal personali. Waqt li kienu hemm fil-preżenza ta' xi mistednin, is-Sur Silvio Vella, s-Sur Philip Chircop u oħrajn, il-Kunsillier Sultana qal lis-Sindku li messu ta lill-Eks Kappillan xi Tifkira f'isem il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera u s-Sur Anastasi wieġbu li ma setax għax hu stess kien jivvota kontra jew jirrappurtah lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

4.29 Is-Sindku stqarr li riċenti sejjaħ laqgħa b'urġenza dwar il-Festa ta' Santa Venera. F'dina l-laqgħa s-Sur Horace J. Anastasi spjega li għad li ma jistgħux jagħtu donazzjonijiet jistgħu jħallsu għal xi servizzi bħall-*meter* tad-dawl u mobile toilets għal tal-Banda u għal tan-Nar u servizzi ta' Gwardjani għal tan-Nar. Fil-fatt, is-Sindku ppropona u l-Kunsill aċċetta. Is-Sur Stephen Sultana ppropona li l-Kunsill jagħmel bukkett fjuri quddiem Santa Venera u l-Kunsill qabel. F'din il-laqgħa s-Sindku nesa jsemmi t-tifkira għall-Kappillan 'il ġdid Patri Joe Saliba u għaldaqstant, ta direttiva lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex timmejlja lill-Kunsillieri kollha biex tinxtara tifkira għall-Kapillan il-Ġdid. Il-Viċi Sindku, s-Sur Briffa qabel mal-proposta, l-Kunsilliera s-Sinj Micallef qablet u l-Kunsillier is-Sur Edwin Formosa meta ċemplitlu l-Aġent Segretarju Eżekuttiv qalilha li jaqbel u, li hekk kien isir is-soltu. Is-Sur Charles Camilleri ma kienx laħaq ra l-ittre ~~imam~~ imma, stqarr li kien jaqbel waqt lill-Kunsillieri Stephen Sultana u Cleaven Bugeja ma rrispondewx. Meta l-Kunsillieri ma jwieġbux jiġifieri ma jkunux kontra. Il-Kapillan ingħata ikona sabiħa ta' erbgħin ewro (€40). Hawnhekk is-Sindku rrakkonta lid-Dipartment Lokali tal-Gvern immejlja lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex tirraporta lura 'l għala ngħatat donazzjoni ta' €70 lill-Kappillan Patri Joe Saliba u s-Sindku mmejlja lura lid-Dipartiment biex jinfurmawna min irrapporta. Is-Sindku sostna li dan huwa tfixkil. Huwa żied jgħid li huwa mmejlja lid-Dipartiment dwar x'inqabel fil-Laqgħa b'Urġenza dwar il-Festa. L-ittre li ntbagħtet biex il-Kappillan 'il ġdid jingħata tifkira ta' mhux aktar minn €70 kienet indirizzata lill-Kunsillieri biss u lill-ħadd iżjed.

4.30 Is-Sur Scerri qal li huwa jifhem dan id-dispjaċir għax hu kien preżenti waqt laqgħat fejn kien hemm kummenti partiġġjani. Is-Sur Scerri kien qed jirreferi għaż-żewġt laqgħat pubbliċi ta' Misraħ Santa Venera.

4.31 Is-Sur Scerri staqsa mnejn sa fejn Triq antika li kellha storja ssemmiet Triq Braille meta qabel kienet imsemmija Triq Santa Venera. Huwa sostna li fuq il-ħajt għad hemm traċċi tal-isem l-antik.

4.32 Is-Sindku qal lill-pubbliku preżenti li huwa qiegħed iwiegħed li ser jipproponi biex din it-triq terġa' tissemma Triq Santa Venera kif kienet imsemmija fil-bidu tas-snin 70 u li kien ser iressaqha waqt il-laqgħa tal-Kunsill tat-Tnejn li ġej. Huwa qal ukoll li ser jipproponi li Triq Ġdida fi Triq l-Msida se jipproponi li tissemma għal Madonna tal-Karmnu biex infakkru l-mitt sena mill-miġja tal-Karmelitani.

4.33 Is-Sur Orlando Ellul Micallef staqsa dwar l-attendenzi tal-Kunsillieri.

4.33.1 Is-Sindku spjega li fuq dik il-laqgħa tal-Lokalita' kien hemm Kunsillieri li ma attendewx. Il-Kunsilliera s-Sinj Micallef ċemplet lis-Sindku biex tinfurmah li kienet mistiedna mill-Ministeru ta' fejn taħdem, il-Kunsillier is-Sur Sultana kien ġie skużat milli jattendi peress li kellu jieħu ħsieb riċeviment tal-Każin tal-PL u l-Kunsillier Cleaven Christian Bugeja m'attendiex. Is-Sindku qal li kull 6 xhur, il-Kunsillieri jingħataw l-onorarja imma, skont kemm tkun l-attendenza rispettivament, tagħhom. Is-sena l-oħra is-Sindku kellu jnaqqas il-flus ta' 4 Kunsillieri għax ma attendewx. Din id-darba s-Sindku spjega kif kien hemm minn kien assenti u skużat. Is-Sur Anastasi rrimarka li minn Jannar 2012 sa Ġunju, 2012, issejħu sitta u għoxrin (26) Laqgħa u l-attendenza kienet hekk: Is-Sindku attenda 26/26; il-Viċi Sindku s-Sur Ronald Briffa 22/26; is-Sur Charles Camilleri 12/26; is-Sinj Mariella Micallef 24/26; is-Sur Stephen Sultana 12/26; is-Sur Edwin Formosa 10 /26 u is-Sur Cleaven Christian Bugeja 1/26.

4.33.2 Is-Sur Ellul Mciallef staqsa jekk ma jistax isir xejn dwar minn ma jattendiex.

4.33.3 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien kiteb lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u dan kien kiteb lura li rridu ninfurmaw lill-Ministru. Il-Ministru kien ġie nfurmat. Hawnhekk is-Sindku spjega kif is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill għandu mportanza ħafna iżjed mis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv jieħu ħsieb l-amministrazzjoni, il-finanzi u l-liġi tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li jekk Kunsillier jitneħħa u jkun hemm siġġu vakanti u l-elezzjoni tinsab fil-qrib kif ser jitlob biex ikun hemm Kunsillier ġdid? Is-Sindku kompla li ma kienx stadju adatt li jitbiddel Kunsillier. Kieku din ġrat is-sena l-oħra meta kellna ħafna tfixkil meta ma kienx ikun hemm kworum kien ikun mod ieħor.

4.33.4 Hawnhekk xi ħadd mill-pubbliku staqsa kemm trid tkun biex tilħaq il-kworum.

4.33.5 Is-Sindku spjega kif il-Kunsill għandu 7 Kunsillieri, il-kworum irid ikun in-nofs + wieħed, jiġifieri 3 + 1 = 4 Kunsillieri. Is-Sur Anastasi kompla li jekk jinżammu żewġ laqgħat konsekuttivi bla kworum, mat-tielet waħda tista' tinżam bi tliet Kunsillieri.

4.34 Is-Sur Micallef Ellul staqsa jekk il-Kunsill kellux applikazzjonijiet għall-fondi Ewropej.

4.34.1 Is-Sindku spjega lis-sena 'l oħra, peress li l-Eks Aġent Segretarju Eżekuttiv ma kienx fiss u kien ikun assenti għal żmien relattivament twil u, minħabba lill-Kunsill kien finanzjarjament batut għax wiret defiċit ta' xi -3% tal-allokazzjoni, ma setgħux japplikaw għall-fondi imsemmija.

4.35 Is-Sindku għalaq il-Laqgħa billi rringrazzja lil kull minn preżenti u staqsa lill-Udjenza preżenti jekk kienux sodisfatti bit-tweġibiet tiegħu. Is-Sur Horace J. Anastasi kompla li hu kien wieġeb bl-onesta' kollha. L-Udjenza dehret li kienet sodisfatta bit-tweġibiet.

4.36 Uffiċjalment il-laqgħa intemmet fid-9.05 ta' filgħaxija iżda, xi membri mill-Udjenza baqgħu sa xid-9.30 jitkellmu fuq xi diffikultajiet, jagħtu xi suġġerimenti u jifirħu lis-Sindku għax-xogħol siewi li qed jagħmel.

Is-Sur Horace J Anastasi — Is-Sindku

Is-Sinj Louise-Anne Gusman — Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati, Illum ……10 ta' Settembru 2012……..